REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/893

tas-7 ta' Ġunju 2022

li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 rigward il-metodi ta' analiżi għad-detezzjoni tal-kostitwenti ta' invertebrati terrestri għall-kontroll uffiċjali tal-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 ([2]) jistabbilixxi l-metodi ta' ttestjar użati bħala appoġġ għall-kontrolli uffiċjali biex jinfurzaw il-projbizzjoni tal-użu tal-proteini pproċessati tal-annimali fl-għalf għall-annimali li jipproduċu l-ikel. Huma inklużi metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni tal-kostitwenti ta' oriġini mill-annimali għall-kontroll uffiċjali tal-għalf, li huma deskritti fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament u mwettqa permezz ta' mikroskopija ottika jew ta' reazzjoni katina bil-polimeraża (PCR).

(2) L-użu tal-proteini pproċessati tal-annimali dderivata mill-insetti mrobbija ġie awtorizzat fl-għalf tal-annimali tal-akkwakultura bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/893 ([3]), u fl-għalf tal-annimali porċini u tat-tjur bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1372 ([4]), iżda għadu pprojbit skont ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) f'ċertu għalf, b'mod partikolari fl-għalf tar-ruminanti.

(3) Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-proteini tal-annimali fl-għalf żviluppa u vvalida protokoll speċjali, inkluż pass doppju ta' sedimentazzjoni, li jiżgura d-detezzjoni ta' partikoli minn invertebrati terrestri, inkluż l-insetti, jekk huma preżenti fil-materjali tal-għalf, fl-għalf kompost u fit-taħlitiet lesti minn qabel għall-ittestjar fil-laboratorju. B'dan il-pass addizzjonali, jenħtieġ li dak il-protokoll jintuża fil-qafas tal-kontrolli uffiċjali biex jiġi vverifikat l-infurzar korrett tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-proteini pproċessati tal-annimali tal-insetti f'ċertu għalf għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/893 tal-24 ta' Mejju 2017 li jemenda l-Annessi I u IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi X, XIV u XV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-proteina pproċessata tal-annimali (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 92).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1372 tas-17 ta' Awwissu 2021 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-projbizzjoni fuq it-tagħlif ta' annimali mrobbija li mhumiex ruminanti, għajr l-annimali bil-pil, bi proteina dderivata mill-annimali (ĠU L 295, 18.8.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-metodu tal-mikroskopija ottika stipulat fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 tiġi aġġustata sabiex tinkludi pass doppju tas-sedimentazzjoni fil-protokoll għat-tħejjija tal-kampjuni li jridu jiġu ttestjati għad-detezzjoni tal-kostitwenti tal-invertebrati terrestri.

(5) Jenħtieġ li l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 huwa emendat b'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. GĦAN U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Id-determinazzjoni tal-kostitwenti tal-oriġini mill-annimali fl-għalf għandha ssir permezz ta' mikroskopija ottika jew permezz ta' reazzjoni katina bil-polimeraży (PCR) f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

Dawn iż-żewġ metodi jagħmluha possibbli li tinstab il-preżenza ta' kostitwenti tal-oriġini mill-annimali fit-taħlitiet lesti minn qabel, fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost. Madankollu, dawn ma jagħmluhiex possibbli li jiġi kkalkolat l-ammont ta' dawn il-kostitwenti fit-taħlitiet lesti minn qabel, fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost. Iż-żewġ metodi għandhom limitu ta' detezzjoni ta' inqas minn 0,1 % (w/w).

Il-metodu PCR jagħmilha possibbli li jiġi identifikat il-grupp tassonomiku tal-kostitwenti ta' oriġini mill-annimali preżenti fit-taħlitiet lesti minn qabel, fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost.

Dawn il-metodi għandhom japplikaw għall-kontroll tal-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-Anness IV ta' dak ir-Regolament u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

Skont it-tip ta' għalf li qed jiġi ttestjat, dawn il-metodi jistgħu jintużaw, fi protokoll operazzjonali uniku wieħed, jew waħedhom jew flimkien f'konformità mal-proċeduri operazzjonali standard ("SOPs") stabbiliti mil-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-proteini tal-annimali fl-għalf (EURL-AP) u ppubblikati fuq is-sit web tiegħu (***).

(*) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

(***) https://www.eurl.craw.eu/legal-sources-and-sops/method-of-reference-and-sops/.";

(2) il-punt 2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. **Mikroskopija ottika**

2.1.1. *Prinċipju*

Il-kostitwenti ta' oriġini mill-annimali li jistgħu jkunu preżenti fit-taħlitiet lesti minn qabel, fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost mibgħuta għall-analiżi huma identifikati fuq il-bażi tal-karatteristiċi tipiċi u identifikabbli mikroskopikament bħall-fibri tal-muskoli u partikoli oħra tal-laħam, il-qarquċa, l-għadam, il-qrun, ix-xagħar, il-lanżit, frammenti tas-saff ta' barra tal-ġilda tal-invertebrati, l-istrutturi trakeali tal-insetti, il-prodotti mid-demm, il-globuli tal-ħalib, il-kristalli tal-lattożju, ir-rix, il-qxur tal-bajd, ix-xewk u l-qxur tal-ħut.

Għandhom isiru eżamijiet mikroskopiċi wara t-tħejjija tal-kampjuni bis-sedimentazzjoni.

Il-kampjuni għandhom ikunu soġġetti għal stadju ta' sedimentazzjoni kif ġej:

(a) għad-detezzjoni tal-kostitwenti ta' oriġini mill-annimali għajr l-invertebrati terrestri, stadju wieħed ta' sedimentazzjoni tal-Perkloroetilene (TCE) kif dettaljat fil-punt 2.1.3.4.3;

(b) għad-detezzjoni tal-kostitwenti ta' invertebrati terrestri, stadju doppju ta' sedimentazzjoni tal-Etere tal-petroleum/tal-Perkloroetilene (PE/TCE) kif dettaljat fil-punt 2.1.3.4.4.

2.1.2. *Reaġenti u tagħmir*

2.1.2.1. Reaġenti

2.1.2.1.1. Aġent ta' konċentrazzjoni

— Perkloroetilene (densità relattiva 1,62).

— Etere tal-petroleum (PE) punt tat-togħlija 40-60 °C (densità relattiva 0,65).

2.1.2.1.2. Reaġent għat-tilwin

— Soluzzjoni tal-Aħmar tal-Aliżarina (iddilwixxi 2,5 ml 1M aċidu idrokloriku f'100 ml ilma u żid 200 mg Aħmar tal-Aliżarina ma' din is-soluzzjoni).

2.1.2.1.3. Mezzi tal-immuntar

— Lissija (NaOH 2,5 % w/v jew KOH 2,5 % w/v).

— Gliċerol (mhux dilwit, viskożità: 1 490 cP) jew mezz tal-immuntar bi proprjetajiet ekwivalenti għall-preparazzjoni tas-slajd mhux permanenti.

— Norland ® Optical Adhesive 65 (viskożità: 1 200 cP) jew raża bi proprjetajiet ekwivalenti għall-preparazzjoni tas-slajd permanenti.

2.1.2.1.4. Mezzi tal-immuntar bi proprjetajiet tat-tilwin

— Soluzzjoni ta' lugol (ħoll 2 g jodur tal-potassju f'100 ml ilma u żid 1 g jodju filwaqt li tħawwad ta' spiss).

— Reaġent taċ-ċistina (2 g aċetat taċ-ċomb, 10 g NaOH/100 ml ilma).

— Reaġent ta' Fehling (ippreparat qabel l-użu minn partijiet indaqs (1/1) ta' żewġ soluzzjonijiet ewlenin A u B: soluzzjoni A (ħoll 6,9 g sulfat tar-ram (II) pendaitrat f'100 ml ilma); soluzzjoni B (ħoll 34,6 g tetraidrat tartrat tal-potassju u tas-sodju u 12 g NaOH f'100 ml ilma).

— Tetrametilbenżidina/Perossidu tal-idroġenu (ħoll 1 g 3,3',5,5' tetrametilbenżidina (TMB) f'100 ml aċidu aċetiku glaċjali u 150 ml ilma. Qabel l-użu, ħallat 4 partijiet ta' din is-soluzzjoni TMB ma' parti waħda ta' 3 % perossidu tal-idroġenu).

2.1.2.1.5. Aġenti tat-tlaħliħ

— Etanol ≥ 96 % (grad tekniku).

— Aċeton (grad tekniku).

2.1.2.1.6. Reaġent għall-ibbliċjar

— Soluzzjoni kummerċjali ta' ipoklorit tas-sodju (9 - 14 % kloru attiv).


2.1.2.2. Tagħmir

— Miżien analitiku bi preċiżjoni ta' 0,001 g.

— Tagħmir tat-tħin: mitħna bis-skieken jew bir-rotors. Jekk tintuża l-mitħna bir-rotors, l-għeriebel tal-imtieħen ta' ≤ 0,5 mm għandhom jiġu pprojbiti.

— Għeriebel b'malji kwadri ta' 0,25 mm u wisa' ta' 1 mm. Għajr għat-tgħarbil minn qabel tal-kampjun, id-dijametru tal-għeriebel ma għandux ikun ta' aktar minn 10 cm sabiex jiġi evitat it-telf ta' materjali. Il-kalibrar tal-għeriebel ma huwiex meħtieġ.

— Il-lembut separatorju koniku tal-ħġieġ b'kontenut ta' 250 ml b'rubinett tal-għeluq tal-ħġieġ tat-Teflon jew matt fil-qiegħ tal-lembut. Id-dijametru tal-fetħa tar-rubinett tal-għeluq għandu jkun ta' ≥ 4 mm. Alternattivament, għal sedimentazzjoni tat-TCE unika biss, jista' jintuża bekk bil-qiegħ koniku għall-ġbir tas-sediment dment li l-laboratorju jkun wera li l-livelli ta' detezzjoni huma ekwivalenti għal dawk miksuba bl-użu tal-lembut separatorju koniku tal-ħġieġ.



Lembut separatorju

— Sterjomikroskopju li jkopri mill-inqas medda ta' tkabbir finali bejn 6,5x u 40x.

— Mikroskopju kompost li jkopri mill-inqas medda ta' tkabbir finali bejn 100x u 400x bi sfond ċar permezz tad-dawl trażmess. Jistgħu jintużaw ukoll dawl polarizzat u kuntrast interferenzjali differenzjali.

— Oġġetti tal-ħġieġ standard tal-laboratorju.

— Tagħmir għall-preparazzjoni tas-slajd: slajds tal-mikroskopju klassiċi, slajds vojta, coverslips (20x20 mm), pinzetti, spatula fina.

— Forn tal-laboratorju.

— Magna ċentrifuga.

— Karta filtru: filtru taċ-ċelluloża għal analiżi kwalitattiva (daqs tal-pori 4-11 μm).

2.1.3. *Kampjunar u tħejjija tal-kampjun*

2.1.3.1. Kampjunar

Għandu jintuża kampjun rappreżentattiv, meħud f'konformità mal-Anness I.

2.1.3.1.1. Tnixxif tal-kampjun

Il-kampjuni b'kontenut tal-umdità ta' > 14 % għandhom jitnixxfu qabel ma jiġu trattati f'konformità mal-Anness III.

2.1.3.1.2. Tgħarbil minn qabel tal-kampjun

Sabiex tingħabar informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni ambjentali tal-għalf, huwa rakkomandat it-tgħarbil minn qabel f'1 mm ta' għalf f'forma ta' pellets u qlub u biex sussegwentement iż-żewġ frazzjonijiet li jirriżultaw li jridu jitqiesu bħala kampjuni distinti, jiġu ppreparati, analizzati u rrapportati separatament.

2.1.3.2. Prekawzjonijiet li jridu jittieħdu

Sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata tal-laboratorju, it-tagħmir kollu li jista' jerġa' jintuża għandu jitnaddaf bir-reqqa qabel ma jintuża. Il-biċċiet tal-lembut separatorju għandhom jiġu żarmati qabel it-tindif. Il-biċċiet tal-lembut separatorju u l-oġġetti tal-ħġieġ għandhom jinħaslu minn qabel bl-idejn u mbagħad jinħaslu fil-magna tal-ħasil. L-għarbiela għandhom jitnaddfu permezz ta' xkupilja b'xagħar sintetiku u iebes. Huwa rakkomandat tindif finali tal-għarbiela bl-aċeton u bl-arja kkompressata wara t-tgħarbil tal-materjal xaħmi bħall-frakass tal-fdal tal-ħut.

2.1.3.3. Preparazzjoni ta' kampjuni li jikkonsistu f'xaħam jew żejt

Il-protokoll li ġej għandu jiġi segwit għall-preparazzjoni ta' kampjuni li jikkonsistu f'xaħam:

— Jekk ix-xaħam huwa solidu, dan għandu jissaħħan fil-forn sakemm isir likwidu.

— Bl-użu ta' pipetta, għandu jiġi trasferit 40 ml ta' xaħam mill-qiegħ tal-kampjun lejn tubu taċ-ċentrifugazzjoni.

— Il-kampjun għandu jiġi ċentrifugat għal 10 minuti b'4 000 r.p.m..

— Jekk ix-xaħam ikun solidu wara ċ-ċentrifugazzjoni, dan għandu jissaħħan fil-forn sakemm isir likwidu.

— Iċ-ċentrifugazzjoni għandha tiġi ripetuta għal 5 minuti b'4 000 r.p.m.

— Bl-użu ta' mgħarfa żgħira jew spatula, għandhom jiġu trasferiti nofs l-impuritajiet dekantati għas-slajds mikroskopiċi għal eżami. Il-gliċerol huwa rakkomandat bħala l-mezz tal-immuntar.

— L-impuritajiet li jkun fadal għandhom jintużaw għall-preparazzjoni tas-sediment kif deskritt fl-ewwel inċiż tal-punt 2.1.3.4.3.

Għandu jiġi applikat l-istess protokoll, bl-eċċezzjoni tal-ewwel u tar-raba' inċiż, għall-preparazzjoni tal-kampjuni li jikkonsistu f'żejt.

2.1.3.4. Preparazzjoni tal-kampjuni għajr ix-xaħam jew iż-żejt

2.1.3.4.1. Teħid ta' sottokampjuni u ħin: għandu jittieħed sottokampjun ta' mill-inqas 50 g tal-kampjun għall-analiżi u sussegwentement dan għandu jiġi miħun.

2.1.3.4.2. Preparazzjoni tal-materja prima: għandu jitħejja porzjon ta' mill-inqas 5 g tas-sottokampjun mitħun. Dan għandu jintgħarbel f'0,25 mm u ż-żewġ frazzjonijiet li jirriżultaw għandhom jiġu eżaminati.

2.1.3.4.3. Sedimentazzjoni unika tat-TCE għad-detezzjoni ta' kostitwenti ta' oriġini mill-annimali għajr l-invertebrati terrestri.

— Estrazzjoni u preparazzjoni tas-sediment:

Porzjon ta' 10 g (b'akkuratezza sa 0,01 g) tas-sottokampjun mitħun għandu jiġi ttrasferit fil-lembut separatorju jew fil-bekk bil-qiegħ koniku għall-ġbir tas-sediment u għandu jiżdied 50 ml ta' TCE. Il-porzjon trasferit fil-lembut għandu jkun limitat għal 3 g fil-każ tal-frakass tal-fdal tal-ħut jew prodotti tal-annimali puri oħrajn, ingredjenti minerali jew taħlitiet lesti minn qabel li jiġġeneraw aktar minn 10 % tas-sediment. It-taħlita għandha tiġi mħawda bis-saħħa għal mill-inqas 30 sekonda u għandu jiżdied bir-reqqa 50 ml aktar ta' TCE waqt il-ħasil tal-wiċċ ta' ġewwa tal-lembut biex titneħħa kull partikola li tkun imwaħħla. It-taħlita li tirriżulta għandha titħalla toqgħod għal mill-inqas 5 minuti qabel ma s-sediment jiġi sseparat billi jinfetaħ ir-rubinett tal-għeluq.

Jekk jintuża bekk bil-qiegħ koniku għall-ġbir tas-sediment, it-taħlita għandha mbagħad tiġi mħawda bis-saħħa għal mill-inqas 15-il sekonda u kull partikola mwaħħla mal-ġenb tal-bekk għandha tinħasel bir-reqqa biex titneħħa mill-wiċċ ta' ġewwa b'mill-inqas 10 ml ta' TCE nadif. It-taħlita għandha titħalla toqgħod għal tliet minuti u mbagħad terġa' titħawwad għal 15-il sekonda u kull partikola mwaħħla mal-ġenb tal-bekk għandha tinħasel bir-reqqa biex titneħħa minn mal-wiċċ ta' ġewwa b'mill-inqas 10 ml ta' TCE nadif. It-taħlita li tirriżulta għandha titħalla toqgħod għal mill-inqas ħames minuti u mbagħad il-frazzjoni likwida titneħħa u tintrema b'dikantazzjoni bir-reqqa, filwaqt li tingħata attenzjoni biex ma jintilef l-ebda sediment.

Is-sediment għandu jinġabar fuq karta filtru mqiegħda f'lembut biex jippermetti s-separazzjoni tat-TCE li jifdal filwaqt li tiġi evitata d-depożizzjoni tax-xaħam fis-sediment. Is-sediment għandu jitnixxef. Huwa rakkomandat li sussegwentement is-sediment jintiżen (b'akkuratezza sa 0,001 g) biex jiġi kkontrollat l-istadju tas-sedimentazzjoni. Fl-aħħar, is-sediment għandu jintgħarbel f'0,25 mm u ż-żewġ frazzjonijiet li jirriżultaw għandhom jiġu eżaminati, sakemm it-tgħarbil ma jitqiesx neċessarju.

— Estrazzjoni u preparazzjoni tal-flottat:

Wara l-irkupru tas-sediment permezz tal-metodu deskritt hawn fuq, għandu jifdal żewġ fażijiet fil-lembut separatorju: waħda likwida li tikkonsisti f'TCE u waħda solida magħmula minn materjal li jżomm fil-wiċċ. Din il-fażi solida hija l-flottat u għandha tiġi rkuprata billi t-TCE jitferra 'l barra kompletament mil-lembut billi jinfetaħ ir-rubinett tal-għeluq. Billi jinqaleb il-lembut separatorju, il-flottat għandu jiġi trasferit f'dixx petri kbir u mnixxef bl-arja f'kabinett għad-dħaħen. Dan għandu jintgħarbel f'0,25 mm u ż-żewġ frazzjonijiet li jirriżultaw għandhom jiġu eżaminati.

— Użu ta' reaġenti għat-tilwin:

Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni korretta tal-kostitwenti ta' oriġini mill-annimali, l-operatur jista' juża r-reaġenti għat-tilwin matul il-preparazzjoni tal-kampjun f'konformità mal-linji gwida maħruġa mill-EURL-AP u ppubblikati fuq is-sit web tiegħu.

Fil-każ li tintuża s-soluzzjoni tal-Aħmar tal-Aliżarina għat-tilwin tas-sediment, għandu japplika l-protokoll li ġej:

— Is-sediment imnixxef għandu jiġi trasferit f'tubu tat-testijiet tal-ħġieġ u mlaħlaħ darbtejn b'madwar 5 ml ta' etanol (kull darba għandu jintuża vortiċi ta' 30 sekonda, is-solvent għandu jitħalla joqgħod għal madwar minuta u 30 sekonda u mbagħad jitferra' 'l barra).

— Is-sediment għandu jiġi bbliċjat billi jiżdied mill-inqas 1 ml tas-soluzzjoni ta' ipoklorit tas-sodju. Ir-reazzjoni għandha titħalla tissokta għal 10 minuti. It-tubu għandu jimtela bl-ilma, is-sediment għandu jitħalla joqgħod minn żewġ sa tliet minuti, u l-ilma u l-partikoli sospiżi għandhom jitferrgħu 'l barra bil-mod.

— Is-sediment għandu jitlaħlaħ darbtejn aktar b'madwar 10 ml ta' ilma (għandu jintuża vortiċi għal 30 sekonda, jitħalla joqgħod, u l-ilma jitferra' 'l barra kull darba).

— Għandhom jiżdiedu bejn 2 u 10 taqtiriet tas-soluzzjoni tal-Aħmar tal-Aliżarina u t-taħlita għandha titħawwad bil-qawwi. Ir-reazzjoni għandha titħalla sseħħ għal 30 sekonda u s-sediment ikkulurit għandu jitlaħlaħ darbtejn b'madwar 5 ml etanol segwit bi tlaħliħa waħda bl-aċeton (kull darba għandu jintuża vortiċi ta' 30 sekonda, is-solvent għandu jitħalla joqgħod għal madwar minuta u jitferra' 'l barra).

— Is-sediment ikkulurit għandu jitnixxef.

2.1.3.4.4. Sedimentazzjoni doppja tal-PE/tat-TCE għad-detezzjoni ta' kostitwenti ta' invertebrati terrestri.

Il-passi kollha għandhom jitwettqu f'lembut separatorju koniku tal-ħġieġ ta' 250 ml kif deskritt fil-punt 2.1.2.2 ir-raba' inċiż.

— Porzjon ta' 10 g (b'akkuratezza sa 0,01 g) tas-sottokampjun miħun għandu jiġi trasferit fil-lembut separatorju u jiġi sottomess l-ewwel għal sedimentazzjoni tat-TCE unika kif deskritt fil-punt 2.1.3.4.3 inkluż l-irkupru tas-sediment fuq karta filtru mqiegħda fuq lembut. Dan is-sediment jista' jintuża bħal dak miksub mill-punt 2.1.3.4.3.

— Il-volum żgħir ta' TCE skulat flimkien mas-sediment għandu jiġi ttrasferit f'ċilindru gradwat. Billi jinfetaħ ir-rubinett tal-għeluq tal-lembut separatorju, iċ-ċilindru gradwat għandu jimtela aktar sakemm jinkiseb 30 ml ta' TCE. Ladarba jinkiseb dan il-volum, ir-rubinett tal-għeluq għandu jingħalaq.

— Dan il-volum miġbur tat-TCE għandu jiġi sostitwit biż-żieda ta' volum ta' 30 ml ta' etere tal-petroleum b'punt tat-togħlija ta' 40-60 °C fil-lembut separatorju. Il-kontenut tal-lembut separatorju għandu jitħallat sew biex tinkiseb taħlita ta' 30 % PE/70 % TCE (b'densità ta' madwar 1,26 $g.cm^{-3}$). Ħalli l-materjal joqgħod għal 10 minuti. Se jissegregaw żewġ frazzjonijiet ġodda: it-tieni sediment u flottat finali (< 1,26 $g.cm^{-3}$). It-tieni sediment għandu jiġi rkuprat f'dixx petri (jew f'karta filtru mqiegħda fuq lembut) billi jinfetaħ ir-rubinett tal-għeluq sakemm fil-lembut separatorju tibqa' biss ftit taħlita tas-solvent u l-flottat finali. Il-likwidu li jifdal u l-flottat finali għandhom jinġabru separatament fuq karta filtru mqiegħda fuq lembut. Il-ħajt tal-lembut separatorju għandu jitlaħlaħ bi flaxxjatura ta' PE biex jinġabar il-materjal kollu mill-flottat finali. Il-flottat finali għandu jitħalla jinxef. Il-flottat finali għandu jintgħarbel f'0,25 mm u ż-żewġ frazzjonijiet li jirriżultaw għandhom jiġu eżaminati għad-detezzjoni ta' kostitwenti ta' invertebrati terrestri, sakemm it-tgħarbil ma jitqiesx meħtieġ.

2.1.4. *Eżami mikroskopiku*

2.1.4.1. Preparazzjoni tas-slajd

Għandhom jiġu ppreparati slajds mikroskopiċi mis-sediment u, skont l-għażla tal-operatur, jew mill-flottat jew mill-materja prima. Fejn xieraq, għad-detezzjoni ta' kostitwenti ta' invertebrati terrestri biss, għandhom jiġu ppreparati wkoll slajds mill-flottat finali miksub kif deskritt fil-punt 2.1.3.4.4. Għandhom jiġu ppreparati ż-żewġ frazzjonijiet li jirriżultaw (dik fina u dik ħarxa). Il-porzjonijiet tat-test tal-frazzjonijiet mifruxa fuq is-slajds għandhom ikunu rappreżentattivi tal-frazzjoni sħiħa.

Għandu jiġi ppreparat numru suffiċjenti ta' slajds sabiex jiġi żgurat li jista' jitwettaq il-protokoll ta' eżami komplut kif stabbilit fil-punt 2.1.4.2.

Is-slajds mikroskopiċi għandhom jiġu mmuntati bil-mezz tal-immuntar adegwat f'konformità mal-SOP stabbilita mill-EURL-AP u ppubblikati fuq is-sit web tiegħu. Is-slajds għandhom ikunu mgħottija b'coverslips.

2.1.4.2. Id-dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni għad-detezzjoni ta' partikoli tal-annimali fl-għalf kompost, fil-materjal tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel.

Is-slajds mikroskopiċi ppreparati għandhom jiġu osservati f'konformità mad-dijagrammi sekwenzjali ta' osservazzjoni fid-Dijagrammi 1 u 2.

L-osservazzjonijiet mikroskopiċi għandhom jitwettqu billi jintuża mikroskopju kompost fuq is-sediment u, skont l-għażla tal-operatur, jew fuq il-flottat jew fuq il-materja prima. Barra minn hekk, għad-detezzjoni tal-kostitwenti ta' invertebrati terrestri, għandhom jitwettqu wkoll osservazzjonijiet fuq il-flottat finali miksub kif deskritt fil-punt 2.1.3.4.4 f'konformità mad-Dijagramma 3. L-isterjomikroskopju jista' jintuża flimkien mal-mikroskopju kompost għall-frazzjonijiet ħarxa. Kull slajd għandha tiġi skrinjata kompletament f'diversi tkabbiriet. L-ispjegazzjonijiet preċiżi dwar kif għandhom jintużaw id-dijagrammi sekwenzjali huma ddettaljati minn SOP stabbilita mill-EURL-AP u ppubblikati fuq is-sit web tiegħu.


L-għadd minimu ta' slajds li għandhom jiġu osservati ma' kull pass tad-dijagrammi sekwenzjali ta' osservazzjoni għandu jitħares b'mod strett sakemm il-materjal kollu tal-frazzjoni ma jippermettix li jintlaħaq in-numru ta' slajds stipulat, pereżempju meta ma jinkiseb l-ebda sediment. Ma għandhomx jintużaw aktar minn sitt slajds għal kull determinazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-għadd ta' partikoli.

Meta jiġu ppreparati slajds addizzjonali bl-użu ta' mezz tal-immuntar aktar speċifiku bi proprjetajiet tat-tilwin, kif deskritt fil-punt 2.1.2.1.4, fuq il-flottat jew fuq il-materja prima biex jiġu kkaratterizzati aktar l-istrutturi (eż ir-rix, ix-xagħar, il-partikoli tal-muskoli jew tad-demm), li jkunu nstabu fuq slajds ippreparati minn mezzi oħra tal-immuntar, kif deskritt fil-punt 2.1.2.1.3, l-għadd ta' partikoli għandu jingħadd abbażi tal-għadd ta' slajds għal kull determinazzjoni li ma taqbiżx sitt slajds, inklużi s-slajds addizzjonali b'mezz tal-immuntar aktar speċifiku. Is-islajds addizzjonali mhejjija mill-flottat finali miksub, kif deskritt fil-punt 2.1.3.4.4, għad-detezzjoni tal-kostitwenti ta' invertebrati terrestri ma għandhomx jitqiesu għall-identifikazzjoni ta' naturi oħra (annimali vertebrati terrestri u ħut).

Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tan-natura u tal-oriġini tal-partikoli, l-operatur jista' juża għodod ta' appoġġ bħal sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet, libreriji tal-immaġnijiet u kampjuni ta' referenza.

Dijagramma 1


Dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni wara sedimentazzjoni tat-TCE unika għad-detezzjoni ta' partikoli tal-annimali għajr invertebrati terrestri fl-għalf kompost, fil-materjali tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel għall-ewwel determinazzjoni



("D1" u "D2" jirreferu għall-ewwel u għat-tieni determinazzjoni; (a): vertebrati terrestri, ħut)

Dijagramma 2


Dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni wara sedimentazzjoni tat-TCE unika għad-detezzjoni ta' partikoli tal-annimali għajr invertebrati terrestri fl-għalf kompost, fil-materjali tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel għat-tieni determinazzjoni



("D1" u "D2" jirreferu għall-ewwel u għat-tieni determinazzjoni; (a): vertebrati terrestri, ħut)

Dijagramma 3

Dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni wara sedimentazzjoni doppja tal-PE/tat-TCE għad-detezzjoni ta' kostitwenti ta' invertebrati terrestri fl-għalf kompost, fil-materjali tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel



("D1" u "D2" jirreferu għall-ewwel u għat-tieni determinazzjoni)

2.1.4.3. Numru ta' determinazzjonijiet

Id-determinazzjonijiet għandhom jitwettqu fuq sottokampjuni differenti ta' 50 g kull wieħed.

Jekk wara l-ewwel determinazzjoni mwettqa f'konformità mad-dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni fid-Dijagramma 1, jew fid-Dijagramma 3 fejn xieraq, ma tinstab l-ebda partikola tal-annimali, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda determinazzjoni addizzjonali u r-riżultat tal-analiżi għandu jiġi rrapportat billi jintuża l-kliem stabbilit fil-punt 2.1.5.1.

Jekk wara l-ewwel determinazzjoni mwettqa f'konformità mad-dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni fid-Dijagramma 1, tinstab partikola waħda tal-annimali jew aktar ta' natura partikolari (jiġifieri ta' annimali vertebrati terrestri jew tal-ħut) u n-natura tal-partikoli misjuba tikkonferma l-kontenut dikjarat tal-kampjun, ma għandhiex tkun meħtieġa t-tieni determinazzjoni. Jekk l-għadd ta' partikoli tal-annimali ta' natura partikolari misjuba matul din l-ewwel determinazzjoni jkun ikbar minn ħamsa, ir-riżultat tal-analiżi għandu jiġi rrapportat għal kull natura tal-annimali billi jintuża l-kliem stabbilit fil-punt 2.1.5.3. Inkella, ir-riżultat tal-analiżi għandu jiġi rrappurtat għal kull natura tal-annimali billi jintuża l-kliem stabbilit fil-punt 2.1.5.2.

Jekk wara l-ewwel determinazzjoni mwettqa f'konformità mad-dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni fid-Dijagramma 3, jinstabu aktar minn ħames partikoli ta' invertebrati terrestri, ma għandhiex tkun meħtieġa t-tieni determinazzjoni u r-riżultat tal-analiżi għandu jiġi rrapportat billi jintuża l-kliem stabbilit fil-punt 2.1.5.3 għal din in-natura.

Fil-każijiet l-oħrajn kollha, inkluż meta ma tkun ġiet ipprovduta l-ebda dikjarazzjoni tal-kontenut lil-laboratorju, għandha titwettaq it-tieni determinazzjoni minn sottokampjun ġdid. Jekk, wara t-tieni determinazzjoni mwettqa f'konformità mad-dijagramma sekwenzjali ta' osservazzjoni fid-Dijagramma 2, jew fid-Dijagramma 3 fejn xieraq, it-total ta' partikoli tal-annimali ta' natura partikolari identifikat matul iż-żewġ determinazzjonijiet ikun ikbar minn 10, ir-riżultat tal-analiżi għandu jiġi rrappurtat skont in-natura tal-annimali billi jintuża l-kliem stabbilit fil-punt 2.1.5.3. Inkella, ir-riżultat tal-analiżi għandu jiġi rrappurtat għal kull natura tal-annimali billi jintuża l-kliem stabbilit fil-punt 2.1.5.2.

2.1.5. *Espressjoni tar-riżultati*

Meta jirrapporta r-riżultati, il-laboratorju għandu jindika fuq liema tip ta' materjal twettqet l-analiżi (sediment, flottat, flottat finali jew materja prima). Ir-rapportar għandu jindika b'mod ċar kemm ikunu twettqu determinazzjonijiet u jekk ikunx twettaq it-tgħarbil tal-frazzjonijiet qabel il-preparazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1.3.4.3, l-ewwel inċiż, it-tielet paragrafu jew il-punt 2.1.3.4.4, it-tielet inċiż.

Ir-rapport tal-laboratorju għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni dwar il-preżenza tal-kostitwenti miksuba mill-annimali vertebrati terrestri u mill-ħut.

Is-sitwazzjonijiet differenti għandhom jiġu rrappurtati b'dawn il-modi.

2.1.5.1. Ma tinstab l-ebda partikola tal-annimali ta' natura partikolari:

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabet l-ebda partikola miksuba minn annimali vertebrati terrestri fil-kampjun ippreżentat."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabet l-ebda partikola miksuba minn ħut fil-kampjun ippreżentat."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabet l-ebda partikola miksuba minn invertebrati terrestri fil-kampjun ippreżentat."

2.1.5.2. Jinstabu bejn wieħed u ħames partikoli tal-annimali ta' natura partikolari meta titwettaq determinazzjoni waħda biss, jew jinstabu bejn wieħed u 10 partikoli ta' natura partikolari f'każ li jitwettqu żewġ determinazzjonijiet (l-għadd ta' partikoli misjuba huwa taħt il-limitu ta' deċiżjoni stabbilit fl-SOP tal-EURL-AP u ppubblikati fuq is-sit web tiegħu):

Meta tkun twettqet determinazzjoni waħda biss:

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabux aktar minn ħames partikoli miksuba minn annimali vertebrati terrestri fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [għadma, qarquċa, muskolu, xagħar, qrun, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]. Din il-preżenza ta' livell baxx hija taħt il-limitu ta' deċiżjoni stabbilit għal dan il-metodu mikroskopiku."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabux aktar minn ħames partikoli miksuba minn ħut fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [xewk tal-ħut, qxur tal-ħut, qarquċa, muskolu, otolit, garġi, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]. Din il-preżenza ta' livell baxx hija taħt il-limitu ta' deċiżjoni stabbilit għal dan il-metodu mikroskopiku."

Meta jkunu twettqu żewġ determinazzjonijiet:

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabux aktar minn 10 partikoli miksuba minn annimali vertebrati terrestri minn żewġ determinazzjonijiet fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [għadma, qarquċa, muskolu, xagħar, qrun, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]. Din il-preżenza ta' livell baxx hija taħt il-limitu ta' deċiżjoni stabbilit għal dan il-metodu mikroskopiku."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabux aktar minn 10 partikoli miksuba minn ħut minn żewġ determinazzjonijiet fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [xewk tal-ħut, qxur tal-ħut, qarquċa, muskolu, otolit, garġi, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]. Din il-preżenza ta' livell baxx hija taħt il-limitu ta' deċiżjoni stabbilit għal dan il-metodu mikroskopiku."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, ma nstabux aktar minn 10 partikoli miksuba minn invertebrati terrestri minn żewġ determinazzjonijiet fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [frammenti tas-saff ta' barra tal-ġilda, partijiet tal-ħalq, muskoli, strutturi trakeali, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]. Din il-preżenza ta' livell baxx hija taħt il-limitu ta' deċiżjoni stabbilit għal dan il-metodu mikroskopiku."

Barra minn hekk:

— Fil-każ ta' tgħarbil minn qabel tal-kampjun, ir-rapport tal-laboratorju għandu jsemmi f'liema frazzjoni (frazzjoni mgħarbula, frazzjoni f'forma ta' pellets jew qlub) instabu l-partikoli tal-annimali sakemm id-detezzjoni tal-partikoli tal-annimali fil-frazzjoni mgħarbula biss tista' tkun sinjal ta' kontaminazzjoni ambjentali.

— Meta jinstabu biss partikoli tal-annimali li ma jistgħux jiġu kkategorizzati la bħala annimali vertebrati terrestri u lanqas bħala ħut (eż fibri tal-muskoli), ir-rapport għandu jsemmi li nstabu dawn il-partikoli tal-annimali biss u li ma jistax jiġi eskluż li joriġinaw minn annimali vertebrati terrestri.

2.1.5.3. Jinstabu aktar minn ħames partikoli tal-annimali ta' natura partikolari meta titwettaq determinazzjoni waħda biss, jew jinstabu aktar minn 10 partikoli ta' natura partikolari f'każ li jitwettqu żewġ determinazzjonijiet:

Meta tkun twettqet determinazzjoni waħda biss:

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, instabu aktar minn ħames partikoli miksuba minn annimali vertebrati terrestri fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [għadma, qarquċa, muskolu, xagħar, qrun, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, instabu aktar minn ħames partikoli miksuba minn ħut fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [xewk tal-ħut, qxur tal-ħut, qarquċa, muskolu, otolit, garġi, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, instabu aktar minn ħames partikoli miksuba minn invertebrati terrestri fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [frammenti tas-saff ta' barra tal-ġilda, partijiet tal-ħalq, muskoli, strutturi trakeali, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]."

Meta jkunu twettqu żewġ determinazzjonijiet:

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, instabu aktar minn 10 partikoli miksuba minn annimali vertebrati terrestri minn żewġ determinazzjonijiet fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [għadma, qarquċa, muskolu, xagħar, qrun, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, instabu aktar minn 10 partikoli miksuba minn ħut minn żewġ determinazzjonijiet fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [xewk tal-ħut, qxur tal-ħut, qarquċa, muskolu, otolit, garġi, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]."

— "Sa fejn seta' jidher bl-użu ta' mikroskopju ottiku, instabu aktar minn 10 partikoli miksuba minn invertebrati terrestri minn żewġ determinazzjonijiet fil-kampjun ippreżentat. Il-partikoli ġew identifikati bħala … [frammenti tas-saff ta' barra tal-ġilda, partijiet tal-ħalq, muskoli, strutturi trakeali, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika kif xieraq)]."

Barra minn hekk:

— Fil-każ ta' tgħarbil minn qabel tal-kampjun, ir-rapport tal-laboratorju għandu jsemmi f'liema frazzjoni (frazzjoni mgħarbula, frazzjoni f'forma ta' pellets jew qlub) instabu l-partikoli tal-annimali sakemm id-detezzjoni tal-partikoli tal-annimali fil-frazzjoni mgħarbula biss tista' tkun sinjal ta' kontaminazzjoni ambjentali.

— Meta jinstabu biss partikoli tal-annimali li ma jistgħux jiġu kkategorizzati la bħala annimali vertebrati terrestri u lanqas bħala ħut (eż fibri tal-muskoli), ir-rapport għandu jsemmi li nstabu dawn il-partikoli tal-annimali biss u li ma jistax jiġi eskluż li joriġinaw minn annimali vertebrati terrestri."